MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1353/2003

**SMS Insurance Agency Limited ghan-nom tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office Plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Reno Muscat u l-istess Reno Muscat**

**Vs**

**Catherine Catania**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm216.09c (mitejn u sittax-il lira Maltin u disa' centezmi) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku bejn il-vettura FBM 328 proprjeta' ta' Reno Muscat u l-vettura tal-konvenuta MSP 001 ghal liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta qalet illi l-azzjoni hija preskritta bil-preskrizzjoni biennali u li f'kull kaz li mhix responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Illi din il-kawza nstemghet mal-kawza **1880/02PM** deciza llum.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni s-socjeta' attrici naqset li ggib prova tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali izda bil-prezentata tal-Kontro-Talba fil-kawza **1880/02PM** il-preskrizzjoni giet interotta.

Ghaldaqstant jichad l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza **1880/02PM** deciza llum u billi m'hemmx provi bizzejjed biex jikkonkludi li l-konvenuta f'dawn il-proceduri kienet responsabbli ghall-incident jichad it-talba attrici.  Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------